**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Salvinu Vella**

**Kumpilazzjoni numru 221/2013**

**Illum 23 ta' Ottubru, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Salvinu Vella** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 56759 (M) billi huwa akkuzat talli fit-28 ta' Ottubru 2012 ghall-habta tas-07:30 hrs waqt li kien gewwa ghalqa, fil-limiti ta' Ramla Bay, Mellieha:

1. Kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u/jew glied.
2. U aktar talli hebb ghall-persuna ta' Edwin Buttigieg permess ta' zappuna w ikkagunalu feriti ta' natura gravi skont kif iccertifika Dr. Nisholas J. Vassallo MD reg no. 1929 tal-Mellieha.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovi ghas-sigurta ta' Edwin Buttigieg.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat u semghet il-provi inkluz ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-prosekuzzjoni u d-difiza.

**Ikkunsidrat**

Il-fatti tal-kaz huma marbuta ma' argument bejn zewg qraba ta' xulxin fit-28 ta' Ottubru 2012 in konnessjoni mar-raba' li ghandhom u *pipe* tal-ilma li l-mertu taghhom qieghed ikun trattat civilment. Huwa allegat li l-imputat darab lill-kwerellant b'mazqa.

Il-Qorti hi rinfacjata b'zewg verzjonijiet ta' kif sehh il-kaz.

Ghalkemm verament hemm konflitt fil-provi kif sostna d-difensur tal-imputat, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-**Pulizija vs. Joseph Thorne**" [9.7.2003]:-

"*...mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il- kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux.*"

Il-Qorti kkonsidrat l-Artikoli 637 u 638 fid-deliberazzjoni taghha li jghidu:

**<u>Artikolu 637.</u>** *L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- każ.*

**<u>Artikolu 638.</u>** *(1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.*

*(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

Id-difiza fis-sottomissjoni finali taghha argumentat dwar il-ferita li soffra l-kwerellant.

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad...). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall- gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".*

Tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, fir-rigward tal-griehi sofferti mill-parti leza, l-Qorti tinnota li jirrizulta bl-aktar mod car mix-xiehda moghtija minn Dr. Nicholas Vassallo (a fol. 24 et seq.) li l-griehi sofferti minn Edwin Buttigieg kienu griehi ta' natura gravi.

**Decide**

Illi f'dan il-kaz il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u ghalhekk ser tinstab htija dwarhom.

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah tmienja u hamsin ewro (€58) ammenda u wara li rat Artikolu 221(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issibu hati tat-tieni imputazzjoni u wara li rat ukoll li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hija tal-fehma li jeżistu l- elementi rikjesti mill-Liġi taħt l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal- Liġijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u il-Qorti qegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' sena mid-data tallum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta il- Qorti fissret lil Salvinu vella bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista’ jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Fiċ-ċirkostanzi tqis li l-piena ideonja għandha tinkludi dik kontemplata fl-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk sabiex tipprovdi għas- sigurta ta’ Edwin Buttigieg u sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena altrimenti komminabbli minn din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali qegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għall-perjodu ta’ sena millum u dan taħt penali ta’ ħames mitt Euro (€500).

____________________

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**

____________________

Margaret De Battista

Deputat Registratur